

32004D0475

L 160/78

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

30.4.2004

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-29 ta' April 2004

li tadotta miżura transizzjonali favur ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-laħam u tal-ħalib fis-Slovenja

(innotifikata taħt id-dokument numru K(2004) 1732)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2004/475/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitá Ewropej,

Wara li kkunsidrat it-Trattat ta' Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Lituwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Lituwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 42 tiegħu,

Billi:

- (1) Fis-Slovenja erba' stabbilimenti ta' kapaċità għolja u stabbiliment wieħed ta' pproċessar ta' ħalib ta' kapaċità għolja għandhom diffikultajiet biex iħarsu fl-1 ta' Mejju 2004 il-ħtiġiet strutturali rilevanti stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 64/433/KEE: tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-kondizzjonijiet ta' saħħa għall-produzzjoni u l-marketing ta' laħam frisk⁽³⁾, fl-Annessi A u B tad-Direttiva tal-Kunsill 77/99/KEE: tal-21 ta' Diċembru 1976 dwar problemi ta' saħħa li jaffettwaw il-produzzjoni u l-marketing ta' prodotti tal-laħam u ċerti prodotti oħra li joriġinaw mill-annimali⁽⁴⁾ u fl-Anness B tad-Direttiva tal-Kunsill 92/46/KEE: tas-16 ta' Ġunju 1992 li tistabbilixxi r-regoli ta' saħħa għal produzzjoni u t-tqiegħed fis-suq ta' ħalib nej, ħalib ittrattat bis-šhana u proddoti bbażati fuq il-ħalib⁽⁵⁾.
- (2) Kif xieraq, dawn il-ħames stabbilimenti għandhom bżonn iż-żmien biex jiffinalizzaw il-proċess ta' titjib sabiex isiri konformi bis-ših mal-ħtiġiet strutturali rilevanti stabbiliti fid-Direttivi 64/433/KEE, 77/99/KEE: u 92/46/KEE.
- (3) Dawn il-ħames stabbilimenti li bħalissa huma fi stat avanzat ta' titjib, jew li ntrabtu li jikkompletaw faċilitajiet ġodda, taw garanziji ta' min joqgħod fuqhom

li huma għandhom il-fondi neċessarji biex jikkoreġu n-nuqqasijiet li fadlilhom fi żmien raġonevoli u rċevew opinjoni favorevoli mill-Amministrazzjoni Veterinarja tar-Repubblika tas-Slovenja, fejn jikkonċerna l-finalizzazzjoni tal-proċess ta' titjib tagħhom.

- (4) Għas-Slovenja, l-informazzjoni ddettaljata li tikkonċerna n-nuqqasijiet ta' kull stabbiliment hija disponibbli.
- (5) Biex tkun iffaċilitata t-transizzjoni minn reġim eżistenti fis-Slovenja għal dak li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-leġislazzjoni veterinarja tal-Komunitá, huwa għalhekk iġġustifikat li fuq it-talba tas-Slovenja, jingħata perjodu transizzjonali għal dawk il-ħames stabbilimenti bħala miżura transizzjonali eċċezzjonali.
- (6) Minħabba n-natura eċċezzjonali ta' din id-derogazzjoni transizzjonali li ma kenix prevista matul in-negozjati tat-tkabbir, ebda talba oħra mis-Slovenja għal miżuri transizzjonali li jikkonċernaw ħtiġiet strutturali ta' stabbilimenti li jipproduċu prodotti minn annimali jew ħalib jew prodotti tal-ħalib m'għandha tintlaq' wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (7) Wara li jittieħed in konsiderazzjoni l-istat avanzat tat-titjib u n-natura eċċezzjonali tal-miżura transizzjonali, il-perjodu transizzjonali għandu jkun limitat sal-31 ta' Diċembru 2004 u m'għandux jiġi estiż wara dik id-data.
- (8) Huwa xieraq li l-istabbilimenti fit-transizzjoni koperti minn din id-Deċiżjoni jiġu sottomessi għall-istess regoli li huma applikabbli fejn jikkonċerna l-prodotti li joriġinaw mill-istabbilimenti li lilhom ingħata perjodu transizzjonali għal ħtiġiet strutturali skond il-proċedura prevista fl-Annessi rilevanti ta' l-Att ta' Adeżjoni.
- (9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

⁽¹⁾ ĠU C 136, tal-23.9.2003, p. 17.⁽²⁾ ĠU C 136, tal-23.9.2003, p. 33.⁽³⁾ ĠU C 121, tad-29.7.1964, p. 2012/64. Direttiva kif l-aħħar emendata mill-Att ta' Adeżjoni 2003.⁽⁴⁾ ĠU L 26, tal-31.1.1977, p. 85. Direttiva kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 36).⁽⁵⁾ ĠU L 268, ta' l-14.9.1992, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 1).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-ħtiġiet strutturali stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 64/433/KEE, fl-Annessi A u B tad-Direttiva 77/99/KEE u fl-Anness B tad-Direttiva 92/46/KEE m'għandhomx japplikaw għall-istabbilimenti fis-Slovenja elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, mingħajr ħsara għall-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, sad-data indikata għal kull stabbiliment.

2. Ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għal prodotti li joriġinaw fl-istabbilimenti msemmija fil-paragrafu 1:

— sakemm l-istabbilimenti elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, il-prodotti li joriġinaw minn dawk l-istabbilimenti ser jitpoġġew biss fis-suq domestiku jew użat għal iżjed ipproċessar fl-istess stabbiliment irrispettivament mid-data tal-*marketing*. Din ir-regola għandha tapplika wkoll għal prodotti li joriġinaw minn stabbilimenti tal-laħam integrati fejn parti waħda mill-istabbiliment hija suġġetta għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1,

— għandhom jinkludu marka tas-saħħa speċjali.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mingħajr ħsara għal u mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Lituwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' April 2004.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membri tal-Kummissjoni

L-ANNEX

Stabbilimenti tal-laħam u l-ħalib fi transizzjoni*Parti 1*

Nr- u.	Numru ta' l- approvazzjoni veterinarja	Isem u indirizz ta' l-istabbiliment	Settur: laħam			Data ta' konformità
			Attività ta' l-istabbilimenti			
			Laħam frisk, qtil, qtugħ	Prodotti mill- laħam	ħażna fil-kesħa	
1.	14	Meso Kamnik, Kamnik	x			tal- 31.12.2004
2.	25	Mesarstvo Bobic, Škocjan	x			tal- 31.12.2004
3.	19	Meso Kamnik, Domžale	x	x		tal- 31.12.2004
4.	306	Arvaj Anton s.p., Kranj	x	x		tal- 31.12.2004

Parti 2

Nr- u.	Numru ta' approvazzjoni veterinarja	Isem u indirizz ta' l-istabbiliment	Settur: ħalib		Data ta' konformità
			Attività ta' l-istabbilimenti		
			Ħalib u prodotti bbażati fuq il-ħalib		
1.	M-163	Mlekarna Planika, Kobarid	x		tal-31.12.2004